Diskors tas-Sur Vince Peresso Dip. Educ. (Admin & Mangt.) f'Serata Kommemorattiva li saret nhar il-5 ta' Jannar 1996, fl-okkażjoni tas-60 Sena mit-twaqqif tal-Parroċċa San Sebastjan fl-1936.

# PARROĊĊA SAN SEBASTJAN: *Twaqqif u Bidu Tagħha*

F'din iċ–ċelebrazzjoni tal-ġublew tad-djamanti tal-Parroċċa San Sebastjan se nipprova fi ftit kliem ngħid kif u għaliex twaqqfet din il-parroċċa. Naraw ukoll x'kienu l-ewwel ħidmiet pastorali li nagħtaw bit-twaqqif tat-tieni parroċċa f'Ħal Qormi. Dan qed nagħmlu billi primarjament rajt il-kuntratt tal-pussess ta' l-ewwel kappillan kif miżmum fil-Kurja Arċiveskovili, billi qallibt fil-kotba miżmuma fl-Arkivju tal-Parroċċa San Sebastjan, billi qrajt dak il-ftit li nkiteb dwar dak iż–żmien u billi saqsejt ukoll lil xi anzjani mill-parroċċa.

Biex naraw għalfejn twaqqfet din il-parroċċa rridu nħarsu lejn id-digriet ta' l-1918 li bih l-Arċisqof Mauro Caruana kien waqqaf il-viċi parroċċa fil-knisja ta' San Bastjan. Hemm naraw li dan kellu f'moħħu li l-poplu ta' Ħal Qormi - raħal li fih kien qed isir ħafna bini ġdid fix-xaqliba ta' San Bastjan u li kienu 'l bogħod mill-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ - jkun moqdi b'aktar faċilità fil-ħtiġijiet spiritwali tiegħu.

## *Digriet tat-Twaqqif*

Meta mbagħad inħarsu lejn id-digriet tat-twaqqif tal-parroċċa li ġie pubblikat bid-data tal-25 ta'Ottubru 1935 malajr nintebħu li t-twaqqif tal-viċi-parroċċa kien biss pass temporanju. Infatti lil Dun Anton Vella meta nħatar Kappillan tal-Parroċċa ta' San Ġorġ saritlu kundizzjoni ċara u speċifika li dan kellu jaċċetta kull disposizzjoni li l-Arċisqof iħoss li għandu jagħmel dwar twaqqif ta' parroċċa ġdida.

Imbagħad fid-digriet tat-twaqqif, wara li jsemmi kif sbatax-il sena qabel kien waqqaf il-viċi parroċċa, l-Arċisqof Caruana jgħid "*ma adesso ci e sembrato che questo stato di cose non*


D. MAURUS CARUANA
ORDINIS S. BENEDICTI
Dei et Apostolicæ Sedis gratia
Archiepiscopus Episcopus Melitensis
EIDEM SANCTÆ SEDI IMMEDIATE SUBJECTUS

Jesus,

Bono spirituali ac maiori commoditati fidelium, in finibus Pagi Curmi, ubi extat Ecclesia divo Martyri Sebastiano dicata et a Nobis per Decretum diei 19 Junii 1918 in Vice Parochialem erecta, inhabitantium, consulere cupientes, cum praedicta Ecclesia valde distet a Matrice Ecclesia Parochiali S. Georgii Martyris, atque fideles illarum regionum incolentes, dum habere debeant ad sua religiosa munera obeunda Ecclesiam Parochiae adire cumque tanta sit parociarum multitudo ut eorum bono spirituali non amplius per Vicarium parocialem subveniri possit, praefatam Ecclesiam Sancti Sebastiani Martyris in novam Paroeciam ... potestatibus, iuribus et facultatibus animarum curae exercendae ...

Il-bidu tad-digriet oriġinali, bil-Latin, li bih l-Isqof Dom Mauro Caruana waqqaf il-Parroċċa San Bastjan. Ara Arkivju Arċiveskovili ta' Malta, Kanċellerija, *Konferiment Qormi - Parroċċi San Ġorġ u San Sebastjan.*

JISSOKTA PAĠNA 13

*potrebbe continuare senza pregudizio delle anime.*" Mela Mons. Caruana fit-twaqqif ta' parroċċa oħra f'Ħal Qormi kien qed jara biss il-ġid spiritwali tal-Qriema.



Dun Alwiġ Psaila, l-ewwel Kappillan.

Kif diġà għidna dan id-digriet ġie ppublikat nhar il-25 ta' Ottubru 1935 f'liema data l-Knisja Kattolika kienet tfakkar it-transulazzjoni tar-relikwiji ta' San Sebastjan. Nemmen li meta l-Isqof Caruana għażel din id-data kellu f'moħħu li jorbot it-twaqqif ta' l-unika parroċċa f'Malta dedikat lil San Sebastjan ma' festa ta' l-istess qaddis.

Il-parroċċa iżda kellha tibda tiffunzjona mal-pussess ta' l-ewwel kappillan, Dun Alwiġ Psaila minn Raħal Ġdid u li kien ukoll hu l-aħħar vigarju fil-viċi parroċċa ta' San Sebastjan. U Dun Alwiġ għażel li jieħu l-pussess nhar il-5 ta' Jannar 1936, lejlet il-festa ta' l-Epifanija. Kien dak inhar l-ewwel Ħadd tas-Sena u kien il-Vigarju Mons. Paolo Galea li mexxa ċ–ċerimonja. Xhieda kienu żewġ saċerdoti: Dun Salv Sammut u Dun Alfred Mizzi.

Iċ-ċerimonja saret wara nofs inhar u għaliha l-knisja kienet mimlija bin-nies u l-kleru. Fil-bidu tal-pussess il-Vigarju qara b'leħen għoli d-digriet tat-twaqqif tal-parroċċa u mbagħad ħabbar il-ħatra ta' Dun Alwiġ Psaila bħala l-ewwel kappillan, li dak il-ħin resaq quddiem il-vigarju li libbsu l-berettin u r-russetta. Iċ-ċerimonja kompliet billi l-vigarju libbes lill-kappillan ġdid ir-rukketta, l-istola u muzzetta. Minn hemm marru fuq l-altar maġġur fejn Dun Alwiġ Psaila qara l-ġurament tal-ħatra. Iċ-ċerimonja kompliet bis-simboli tal-pussess billi l-kappillan ġdid fetaħ u għalaq il-bieb maġġur, mar fetaħ il-fonti tal-magħmudija kif ukoll l-armadju taż-żejt qaddis, daqq il-qanpiena tliet darbiet, daħal fil-konfessjonarju destinat għalih, u fl-aħħar nett fetaħ u għalaq it-tabernaklu. Iċ-ċerimonja ġiet fi tmiemha bil-kant tat-Te Deum u l-Antifona ta' San Sebastjan.

## *Saċerdoti*

Hekk kif ġie stabbilit min kellu jkun il-kappillan u dan ingħata l-pussess materjali tal-parroċċa l-ġdida, kien meħtieġ li dan ikollu numru ta' saċerdoti sabiex jgħinuh. Iżda saċerdoti residenti fil-limiti tal-parroċċa li kienet għadha kif twaqqfet ma kienx hemm, jew aħjar dawk li sa ftit qabel kienu jaqgħu fil-limiti tal-parroċċa l-ġdida għażlu li jmorru fil-parroċċa ta' San Ġorġ. Għalhekk dan is-servizz essenzjali baqa' jingħata mill-istess saċerdoti li fl-aħħar snin tal-Viċi Parroċċa kienu jagħtu s-servizz tagħhom f'din il-knisja. Mill-pedaġġi għall-quddies, kif miżmuma fl-Arkivju parrokkjali, jirriżulta li dawn kienu ż-Żebbuġin Dun Ġużepp Bonanno, Dun Karlu Muscat, Dun Ġorġ Ciappara u Dun Teodosio Gatt li flimkien mal-Qormin Dun Ġużepp Cilia (ta' l-Aħmar) u Dun



Dun Ġużepp Cauchi, l-ewwel viċi u t-tieni kappillan

Manwel Mallia kienu jqaddsu regolarment fil-Ħdud u fil-ġranet ta' matul il-ġimgħa. Naturalment dawn minbarra l-quddies kienu jieħdu ħsieb ukoll il-qrar. Qassisin oħra li xi kultant insibuhom iqaddsu fl-ewwel snin tat-twaqqif tal-parroċċa tagħna kienu l-Kanonċi Ġużepp Farrugia mill-belt, Alfred Psaila (ħu l-kappillan), u Emmanuel Flores mill-Birgu li kien jieħu ħsieb il-kappella tas-Sorijiet. B'hekk minkejja li l-uniku saċerdot residenti fil-parroċċa ġdida kien il-kappillan, li kien joqgħod fi Triq San Bartilmew, il-ħtiġijiet spiritwali u pastorali tal-parruċċani ġodda kienu b'xi mod qed jiġu moqdija, iżda l-akbar piż kien jaqa' fuq il-Kappillan Psaila waħdu.



Dun Gejt Cassar f'żgħożitu

F'Settembru 1938, Dun Ġużepp Cauchi nħatar bħala l-ewwel viċi li kellha l-parroċċa. Hu ukoll ġie joqgħod Ħal Qormi fi Triq San Bartilmew mhux il-bogħod mid-dar tal-kappillan. Dan is-saċerdot aktar tard inħatar bħala t-tieni kappillan ta' l-istess parroċċa.



Dun Gino Mangion

Sabiex ikollha saċerdot minn ħdanha kellhom jgħaddu erba' snin meta Dun Gaetano Cassar irċieva l-Ordni Sagri fl-1940 fost il-ferħ tal-parroċċa. Iżda l-ewwel wild tal-parroċċa li rċieva l-Ordni Sagri u baqa' jservi bħala saċerdot djoċesan kien Dun Gino Mangion li qaddes l-ewwel quddiesa tiegħu nhar il-31 ta' Marzu 1968 fil-knisja ta' San Bastjan f'Ħal Qormi.

## *Sagristani*

Ċertament li f'kull knisja hu meħtieġ is-servizz ta' sagristan. L-ewwel wieħed li kellna kien dak li kien qed jagħmel dan ix-xogħol fil-viċi parroċċa. Qiegħed ngħid għal Franġisku Scerri, magħruf bħala n-Nuqa. Mill-kotba tal-parroċċa jidher li kien jitħallas skud kuljum, li bil-flus tal-lum jiġu tmien ċenteżmi. Hekk baqa' jiġri sa Mejju 1936 meta allura daħal miegħu Mikiel Bonello, il-Pappariż. Issa dan l-iskud beda jinqasam indaqs bejn it-tnejn li bdew idaħħlu 10 soldi (4 ċenteżmi) kuljum kull wieħed minnhom. Dan l-arranġament baqa' jseħħ għal disa' snin sħaħ sakemm f'Mejju 1945 insibu lil Mikiel Bonello waħdu bħala sagristan.

JISSOKTA PAĠNA 19